IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.11.2022
C(2022) 8067 final

ANNEX

ANNESS

tal-

KOMMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

Approvazzjoni tal-kontenut ta' abbozz għal Regolament tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna de minimis

ANNESS

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru …/..

ta' XXX

dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna de minimis

ABBOZZ

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 108(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1588 tat-13 ta' Lulju 2015 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ċerti kategoriji ta' għajnuna mill-Istat orizzontali[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat Konsultattiv dwar l-Għajnuna mill-Istat,

Billi:

(1) Il-finanzjament mill-Istat li jissodisfa l-kriterji stipulati fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat u jrid jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat. Madankollu, skont l-Artikolu 109 tat-Trattat, il-Kunsill jista' jiddetermina l-kategoriji tal-għajnuna li jkunu eżentati minn dan ir-rekwiżit ta' notifika. F'konformità mal-Artikolu 108(4) tat-Trattat, il-Kummissjoni tista' tadotta regolamenti dwar dawk il-kategoriji ta' għajnuna mill-Istat. Skont ir-Regolament (UE) 2015/1588[2], il-Kunsill iddeċieda, skont l-Artikolu 109 tat-Trattat, li l-għajnuna de minimis (jiġifieri għajnuna mogħtija lil impriża waħda fuq perjodu ta' żmien li ma jaqbiżx ċertu ammont fiss) tista' tikkostitwixxi kategorija bħal din. Fuq dik il-bażi, l-għajnuna de minimis titqies li ma tissodisfax il-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat u għalhekk mhijiex soġġetta għall-proċedura ta' notifika.

(2) Il-Kummissjoni, f'għadd kbir ta' deċiżjonijiet, ikkjarifikat il-kunċett ta' għajnuna skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Il-Kummissjoni ddikjarat ukoll il-politika tagħha dwar limitu massimu de minimis li taħtu l-Artikolu 107(1) tat-Trattat

---

[1] ĠU L 248, 24.9.2015, p. 1.

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1588 tat-13 ta' Lulju 2015 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ċerti kategoriji ta' għajnuna mill-Istat orizzontali (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 1).

jista' jitqies li ma japplikax. Inizjalment għamlet dan fl-avviż tagħha dwar ir-regola de minimis għall-għajnuna mill-Istat[3] u sussegwentement fir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 69/2001[4], (KE) Nru 1998/2006[5] u (UE) Nru 1407/2013[6]. Fid-dawl tal-esperjenza miksuba bl-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1407/2013, jidher li jkun xieraq li jiġu riveduti xi wħud mill-kundizzjonijiet stipulati f'dak ir-Regolament.

(3) Huwa xieraq li jiżdied il-limitu massimu tal-għajnuna de minimis, li impriża waħda tista' tirċievi għal kull Stat Membru fuq kwalunkwe perjodu ta' 3 snin, għal EUR 275 000. Dak il-limitu massimu jirrifletti l-inflazzjoni li seħħet mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) Nru 1407/2013 u l-iżviluppi stmati probabbli matul il-perjodu ta' validità ta' dan ir-Regolament. Dak il-limitu huwa meħtieġ sabiex jiżgura li kwalunkwe miżura li taqa' fl-ambitu ta' dan ir-Regolament tkun tista' titqies li ma jkollha l-ebda effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u li ma tfixkilx jew ma tkunx ta' theddida li tfixkel il-kompetizzjoni.

(4) Għall-finijiet tar-regoli dwar il-kompetizzjoni stabbiliti fit-Trattat, impriża hija entità, sew jekk persuna naturali u sew jekk legali, involuta f'attività ekonomika, irrispettivament mill-istatus legali tagħha u mill-mod kif tkun iffinanzjata[7]. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ċċarat li entità li "jkollha ishma ta' kontroll f'kumpanija" u li "attwalment teżerċita dak il-kontroll billi tinvolvi ruħha direttament jew indirettament fil-ġestjoni tagħha" trid titqies bħala li qed tieħu sehem fl-attività ekonomika ta' dik il-kumpanija. Għalhekk, l-entità nnifisha għandha titqies bħala impriża fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE[8]. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddeċidiet li jenħtieġ li l-entitajiet kollha li huma kkontrollati (fuq bażi legali jew de facto) mill-istess entità jitqiesu bħala impriża waħda[9]. Għal raġunijiet ta' ċertezza legali u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprovdi lista ċara u eżawrjenti ta' kriterji biex jiġi ddeterminat meta żewġ intrapriżi jew aktar fl-istess Stat Membru għandhom jitqiesu bħala impriża waħda. Il-Kummissjoni għażlet kriterji li huma xierqa għall-finijiet ta' dan ir-Regolament mill-kriterji stabbiliti sew għad-definizzjoni ta' "intrapriżi relatati" bħala parti mid-definizzjoni ta' intrapriżi żgħar jew ta' daqs medju (SMEs) fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[10] u fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014[11]. Dawk il-kriterji jenħtieġ li jkunu applikabbli, minħabba l-kamp ta' applikazzjoni ta'

---

3 Avviż tal-Kummissjoni dwar ir-regola de minimis għall-għajnuna mill-Istat (ĠU C 68, 6.3.1996, p. 9).

4 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 69/2001 tat-12 ta' Jannar 2001 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għal għajnuna de minimis (ĠU L 10, 13.1.2001, p. 30).

5 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1998/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat dwar l-għajnuna de minimis (ĠU L 379, 28.12.2006, p. 5).

6 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna de minimis (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 1).

7 Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Jannar 2006, *Ministero dell'Economia e delle Finanze v Cassa di Risparmio di Firenze u Oħrajn*, C-222/04, ECLI:EU:C:2006:8.

8 Ibid, para. 112 u 113.

9 Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Ġunju 2002, *Netherlands v Kummissjoni*, C-382/99, ECLI:EU:C:2002:363.

10 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u medji (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

11 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern bl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1).

dan ir-Regolament, kemm għall-SMEs kif ukoll għall-impriżi kbar u jenħtieġ li jiżguraw li grupp ta' intrapriżi relatati jitqies bħala impriża waħda għall-applikazzjoni tar-regola de minimis. Madankollu, intrapriżi li ma għandhom l-ebda relazzjoni ma' xulxin, ħlief għall-fatt li kull wieħed minnhom għandu rabta diretta mal-istess korp jew korpi pubbliċi, mhumiex trattati bħala li huma marbuta ma' xulxin. Għaldaqstant, is-sitwazzjoni speċifika tal-intrapriżi kkontrollati mill-istess korp jew korpi pubbliċi, li jistgħu jkollhom is-setgħa li jiddeċiedu b'mod indipendenti, qed tiġi kkunsidrata.

(5) Sabiex jitqies id-daqs medju żgħir tal-impriżi attivi fis-settur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq u l-inflazzjoni li seħħet mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) Nru 1407/2013 u l-iżviluppi stmati probabbli matul il-perjodu ta' validità ta' dan ir-Regolament, huwa xieraq li l-limitu massimu jiżdied għal EUR 137 500 għall-impriżi li jwettqu trasport tal-merkanzija bit-triq f'isem ħaddieħor. Jenħtieġ li l-forniment ta' servizz integrat fejn it-trasport innifsu huwa biss element wieħed, bħas-servizzi ta' rilokazzjoni, dawk postali jew servizzi ta' kurrier jew ġbir ta' skart jew servizzi tal-ipproċessar, ma jiġix ikkunsidrat bħala servizz ta' trasport.

(6) Fid-dawl tar-regoli speċjali li japplikaw għas-setturi tal-produzzjoni primarja tal-prodotti agrikoli, tas-sajd u tal-akkwakultura u r-riskju li l-ammonti ta' għajnuna taħt il-limitu massimu stabbilit f'dan ir-Regolament jistgħu madankollu jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma japplikax għal dawk is-setturi.

(7) Meta jitqies ix-xebh bejn l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli, u ta' prodotti mhux agrikoli, jenħtieġ li dan ir-Regolament għandu japplika għall-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli, sakemm jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet. L-attivitajiet fl-azjenda agrikola meħtieġa għat-tħejjija ta' prodott għall-ewwel bejgħ (eż. il-ħsad, il-qtugħ u d-dris taċ-ċereali, jew l-ippakkjar tal-bajd) jew l-ewwel bejgħ lir-rivendituri jew lill-proċessuri ma għandhomx jitqiesu bħala pproċessar u kummerċjalizzazzjoni f'dan ir-rigward.

(8) Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddeterminat li, ladarba l-Unjoni tkun illeġiżlat għall-istabbiliment ta' organizzazzjoni komuni tas-suq f'settur partikolari tal-agrikoltura, l-Istati Membri joqogħdu lura milli jieħdu kwalunkwe miżura li tista' ddgħajjifha jew toħloq eċċezzjonijiet għaliha[12]. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma japplikax għal għajnuna għal ammonti stabbiliti fuq il-bażi tal-prezz jew tal-kwantità tal-prodotti mixtrija jew imqiegħda fis-suq. Jenħtieġ li lanqas ma japplika għal appoġġ marbut ma' obbligu li l-għajnuna tinqasam mal-produtturi primarji.

(9) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma japplikax għal għajnuna għall-esportazzjoni jew għajnuna kontinġenti fuq l-użu ta' oġġetti jew servizzi domestiċi fuq dawk importati. B'mod partikolari, huwa ma jenħtieġx li japplika għal għajnuna li tiffinanzja l-istabbiliment u t-tħaddim ta' netwerk tad-distribuzzjoni fi Stati Membri oħrajn jew f'pajjiżi terzi. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddeċidiet li r-Regolament 1998/2006 "ma jeskludix kull għajnuna li jista' jkollha impatt fuq l-esportazzjonijiet, iżda biss dik li għandha bħala għan dirett, fil-forma tagħha stess, il-promozzjoni tal-bejgħ fi Stat ieħor"[13]. Għajnuna għall-kostijiet ta' parteċipazzjoni f'fieri kummerċjali

---

[12] Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Diċembru 2002, *Franza vs Il-Kummissjoni,* C-456/00, ECLI:EU:C:2002:753, il-paragrafu 31.

[13] Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' Frar 2018, *ZPT AD v Narodno sabranie na Republika Bulgaria u Oħrajn,* C-518/16, ECLI:EU:C:2018:126, il-paragrafu 55.

jew ta' studji jew servizzi ta' konsulenza meħtieġa għat-tnedija ta' prodott ġdid jew eżistenti f'suq ġdid fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz b'mod ġenerali ma tikkostitwixxix għajnuna għall-esportazzjoni.

(10) Jenħtieġ li l-perjodu ta' 3 snin li għandu jitqies għall-finijiet ta' dan ir-Regolament jiġi vvalutat fuq bażi kontinwa. Għal kull għotja ġdida ta' għajnuna de minimis, jeħtieġ li jitqies l-ammont totali ta' għajnuna de minimis mogħtija fis-sena fiskali kkonċernata u fit-2 snin fiskali preċedenti.

(11) Meta impriża tkun attiva f'setturi esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u tkun attiva wkoll f'setturi oħra jew ikollha attivitajiet oħra, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għal dawk is-setturi jew l-attivitajiet l-oħra, dment li l-Istat Membru kkonċernat jiżgura li l-attivitajiet fis-setturi esklużi ma jibbenefikawx mill-għajnuna de minimis (b'mezzi xierqa, bħas-separazzjoni tal-attivitajiet jew is-separazzjoni tal-kontijiet). Jenħtieġ li l-istess prinċipju japplika fejn impriża tkun attiva f'setturi li għalihom japplikaw limiti de minimis aktar baxxi. Jekk ma jistax jiġi żgurat li l-attivitajiet fis-setturi li għalihom japplikaw limiti de minimis aktar baxxi jibbenefikaw biss minn għajnuna de minimis sa dawk il-limiti l-aktar baxxi, jenħtieġ li l-aktar limitu baxx japplika għall-attivitajiet kollha tal-impriża.

(12) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli li jiżguraw li ma jkunx possibbli li jiġu evitati l-intensitajiet massimi tal-għajnuna stipulati f'Regolamenti speċifiċi jew f'deċiżjonijiet tal-Kummissjoni. Jenħtieġ li jistipula wkoll regoli ċari dwar il-akkumulazzjoni li huma faċli biex jiġu applikati.

(13) Dan ir-Regolament ma jeskludix il-possibbiltà li miżura tista' ma titqiesx bħala għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat għal raġunijiet oħra għajr dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament, bħal pereżempju, meta l-miżura tikkonforma mal-prinċipju tal-operatur f'ekonomija tas-suq jew ma tinvolvix trasferiment ta' riżorsi tal-Istat. B'mod partikulari, il-finanzjament tal-Unjoni amministrat ċentralment mill-Kummissjoni li mhuwiex direttament jew indirettament taħt il-kontroll tal-Istat Membru, ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat. Jenħtieġ li dan ma jitqiesx fid-determinazzjoni ta' jekk il-limitu massimu rilevanti huwiex imħares.

(14) Għall-finijiet ta' trasparenza, trattament indaqs u monitoraġġ effettiv, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika biss għall-għajnuna de minimis li għaliha jkun possibbli li tiġi kkalkulata bi preċiżjoni l-ekwivalenti tal-għotja gross ex ante mingħajr il-ħtieġa li ssir valutazzjoni tar-riskju ("għajnuna trasparenti"). Kalkolu preċiż bħal dan jista', pereżempju, isir għal għotjiet, sussidji fuq ir-rata tal-imgħax, eżenzjonijiet limitati tat-taxxa jew strumenti oħrajn li jiffissaw limitu li jista' jassigura li l-ogħla livell applikabbli ma jinqabiżx. Il-provvediment ta' limitu massimu jfisser li, sakemm l-ammont preċiż tal-għajnuna ma jkunx magħruf, l-Istat Membru jrid jassumi li l-ammont huwa ugwali għal-limitu massimu biex jiżgura li diversi miżuri ta' għajnuna flimkien ma jaqbżux il-limitu massimu stabbilit f'dan ir-Regolament u japplika r-regoli dwar il-kumulazzjoni.

(15) Għall-finijiet ta' trasparenza, trattament ugwali u l-applikazzjoni korretta tal-limitu massimu de minimis, jenħtieġ li l-Istati Membri kollha japplikaw l-istess metodu ta' kalkolu. Biex jiġi ffaċilitat il-kalkolu, jenħtieġ li l-ammonti tal-għajnuniet mogħtija mhux fil-forma ta' għotja ta' flus kontanti jkunu konvertiti fl-ekwivalenti ta' għotja grossa. Il-kalkolu tal-għotja grossa ekwivalenti fir-rigward ta' tipi trasparenti ta' għajnuna barra minn għotjiet, jew ta' għajnuna li tkun pagabbli f'għadd ta' pagamenti jeħtieġ li jiġu użati r-rati ta' imgħax tas-suq li jkunu qed jintużaw fil-mument li tkun

ingħatat dik l-għajnuna. Bl-għan li jkun hemm applikazzjoni uniformi, trasparenti u sempliċi tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, jenħtieġ li għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament ir-rati tas-suq ikunu r-rati ta' referenza, kif stipulat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-metodu li jistabbilixxi r-rati ta' referenza u ta' skont[14].

(16) Jenħtieġ li l-għajnuna fl-għamla ta' self, inkluża l-għajnuna ta' finanzjament ta' riskju de minimis li tieħu l-għamla ta' self, titqies bħala għajnuna de minimis trasparenti jekk l-ekwivalenti tal-għotja gross tkun ġiet ikkalkulata fuq il-bażi tar-rati tal-imgħax tas-suq prevalenti fil-mument li tingħata l-għajnuna. Bil-għan li l-ipproċessar ta' self żgħir fuq tul ta' żmien qasir jiġi ssimplifikat, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi regola ċara li tiġi faċilment applikata u li tqis kemm l-ammont tas-self kif ukoll it-tul ta' żmien tiegħu. Self assikurat b'garanzija li tkopri mill-inqas 50 % tas-self u li ma jkunx iktar minn ' EUR 1 375 000 fuq perjodu ta' 5 snin jew EUR 687 500 fuq perjodu ta' 10 snin, jista' jitqies li l-għotja grossa ekwivalenti tiegħu ma tkunx iktar mil-limitu de minimis massimu. Dan huwa bbażat fuq l-esperjenza tal-Kummissjoni u minħabba l-inflazzjoni li seħħet mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 u l-iżviluppi probabbli matul il-perjodu ta' validità ta' dan ir-Regolament. Minħabba d-diffikultajiet biex tiġi kkalkulata l-għotja grossa ekwivalenti tal-għajnuna mogħtija lil impriżi li jistgħu ma jkunux f'pożizzjoni li jħallsu lura s-self, jenħtieġ li din ir-regola ma tapplikax għal dawk l-impriżi.

(17) Jenħtieġ li l-għajnuna inkluża f'injezzjonijiet ta' kapital ma titqiesx għajnuna de minimis trasparenti, ħlief jekk l-ammont totali ta' injezzjoni pubblika ma jaqbiżx il-limitu de minimis. Jenħtieġ li l-għajnuna li tikkonsisti f'miżuri ta' finanzjament tar-riskju li tieħu l-għamla ta' investimenti ta' ekwità jew kważi ekwità, kif imsemmi fil-linji gwida dwar il-finanzjament tar-riskju[15], ma titqiesx bħala għajnuna de minimis trasparenti, sakemm il-miżura kkonċernata ma tipprovdix kapital li ma jaqbiżx il-limitu massimu de minimis.

(18) Jenħtieġ li l-għajnuna li tikkonsisti f'garanziji, inkluża l-għajnuna ta' finanzjament ta' riskju de minimis li tieħu l-għamla ta' garanziji, titqies bħala trasparenti jekk l-ekwivalenti tal-għotja gross tkun ġiet ikkalkulata fuq il-bażi ta' primjums eżentati stabbiliti f'avviż tal-Kummissjoni għat-tip ta' impriża kkonċernata[16]. Bil-għan li jiġi ssimplifikat l-ipproċessar ta' garanziji fuq tul ta' żmien qasir li jassiguraw sa 80 % ta' self relattivament żgħir, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi regola ċara li tiġi faċilment applikata u li tqis kemm l-ammont tas-self sottostanti kif ukoll it-tul ta' żmien tal-garanzija. Jenħtieġ li dik ir-regola ma tapplikax għal garanziji fuq tranżazzjonijiet sottostanti li ma jkunux self, bħal garanziji fuq tranżazzjonijiet relatati mal-ishma. Fejn: (i) il-garanzija ma taqbiżx it-80 % tas-self sottostanti; (ii) l-ammont garantit ma jaqbiżx l-EUR 2 062 500; u (iii) it-tul ta' żmien tal-garanzija ma jaqbiżx il-5 snin, jenħtieġ li l-garanzija titqies li għandha ekwivalenti ta' għotja gross li ma taqbiżx il-limitu massimu de minimis. L-istess japplika fejn: (i) il-garanzija ma taqbiżx it-80 % tas-self sottostanti (ii) l-ammont garantit ma jaqbiżx l-EUR 1 031 250; u (iii) it-tul ta' żmien tal-garanzija ma jaqbiżx l-10 snin. Barra minn hekk, l-Istati Membri

---

[14] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-metodu li jistabbilixxi r-rati ta' referenza u ta' skont (ĠU C 14, 19.1.2008, p. 6).

[15] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat biex tippromwovi investimenti ta' finanzjament ta' riskju (ĠU C 508, 16.12.2021, p. 1.).

[16] Pereżempju, l-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji (ĠU C 155, 20.6.2008, p. 10).

jistgħu jużaw metodoloġija biex jikkalkulaw l-għotja grossa ekwivalenti tal-garanziji li tkun ġiet notifikata lill-Kummissjoni bis-saħħa ta' Regolament ieħor tal-Kummissjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat applikabbli f'dak iż-żmien, u li l-Kummissjoni tkun aċċettata bħala konformi mal-Avviż dwar il-Garanziji[17], jew skont kwalunkwe avviż suċċessiv, sakemm il-metodoloġija aċċettata tindirizza b'mod espliċitu t-tip ta' garanzija u t-tip ta' tranżazzjoni sottostanti trattati bħala parti mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Minħabba d-diffikultajiet biex tiġi kkalkulata l-għotja grossa ekwivalenti tal-għajnuna mogħtija lil impriżi li jistgħu ma jkunux f'pożizzjoni li jħallsu lura s-self, jenħtieġ li din ir-regola ma tapplikax għal dawk l-impriżi.

(19) Fejn tiġi implimentata skema ta' għajnuna de minimis permezz ta' intermedjarji finanzjarji, jenħtieġ li jkun żgurat li l-intermedjarji finanzjarji ma jirċievu l-ebda għajnuna mill-Istat. Dan jista' jiġi żgurat, pereżempju, billi l-intermedjarji finanzjarji li jibbenefikaw minn garanzija tal-Istat jintalbu biex iħallsu primjum konformi mas-suq jew jittrasferixxu kompletament kwalunkwe vantaġġ lill-benefiċjarji finali, jew biex jirrispettaw il-limitu de minimis u kundizzjonijiet oħrajn ta' dan ir-Regolament fuq il-livell tal-intermedjarji.

(20) Wara li ssir notifika minn Stat Membru, jenħtieġ li l-Kummissjoni teżamina jekk miżura li ma tikkonsistix f'għotja, self, garanzija, injezzjoni ta' kapital jew miżuri ta' finanzjament ta' riskju li tieħu l-għamla ta' investiment ta' ekwità jew kważi ekwità, twassalx għal ekwivalenti tal-għotja gross li ma taqbiżx il-limitu massimu de minimis u tistax għalhekk taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(21) Il-Kummissjoni għandha d-dmir li tiżgura li r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat jiġu rrispettati u f'konformità mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiffaċilitaw it-twettiq ta' dan il-kompitu billi jistabbilixxu l-għodod meħtieġa biex jiżguraw li l-ammont totali ta' għajnuna de minimis mogħtija lil impriża waħda skont ir-regola de minimis ma jaqbiżx il-limitu massimu ġenerali permissibbli. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jimmonitorjaw l-għajnuna mogħtija biex jiżguraw li ma jinqabżux il-limiti massimi rilevanti u li jiġu mħarsa r-regoli dwar l-akkumulazzjoni. Sabiex jikkonformaw ma' dak l-obbligu, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu informazzjoni kompluta dwar l-għajnuna de minimis mogħtija f'reġistru fil-livell tal-Unjoni jew nazzjonali u jivverifikaw li kwalunkwe għotja ġdida ta' għajnuna ma taqbiżx il-limitu massimu rilevanti.

(22) Wara li tiġi kkunsidrata l-esperjenza tal-Kummissjoni, u b'mod partikolari l-frekwenza li biha huwa ġeneralment meħtieġ li tiġi riveduta l-politika tal-għajnuna Statali, jenħtieġ li jiġi limitat il-perjodu ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jekk dan ir-Regolament jiskadi mingħajr ma jkun ġie estiż, l-Istati Membri għandu jkollhom perjodu ta' aġġustament ta' 6 xhur f'dak li għandu x'jaqsam ma' għajnuna de minimis koperta minn dan ir-Regolament,

---

[17] Ibid.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Kamp ta' Applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament japplika għal għajnuna mogħtija lill-impriżi fis-setturi kollha, ħlief għal:

   (a) għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013[18];

   (b) għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli;

   (c) għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fis-settur tal-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli, fil-każijiet li ġejjin:

      (1) fejn l-ammont tal-għajnuna jiġi stabbilit skont il-prezz jew il-kwantità ta' dawn il-prodotti mixtrija minn produtturi primarji jew imqiegħda fis-suq mill-impriżi kkonċernati,

      (2) fejn l-għajnuna tkun bil-kundizzjoni li parti minnha jew kollha kemm hi tingħata lill-produtturi primarji;

   (d) għajnuna lill-attivitajiet relatati mal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi jew Stati Membri, l-aktar għajnuna marbuta direttament ma' kwantitajiet esportati, mat-twaqqif u l-operazzjoni ta' netwerk ta' distribuzzjoni jew ma' nefqa oħra kurrenti marbuta mal-attività tal-esportazzjoni;

   (e) għajnuna kontinġenti fuq l-użu ta' oġġetti u servizzi domestiċi fuq oġġetti u servizzi importati.

2. Fejn impriża tkun attiva fis-setturi msemmija fil-punti (a), (b) jew (c) tal-ewwel paragrafu u tkun attiva anki f'settur wieħed jew iktar jew ikollha attivitajiet oħrajn li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, dan ir-Regolament għandu japplika għal għajnuna mogħtija fir-rigward ta' dawk is-setturi jew attivitajiet, bil-kundizzjoni li l-Istati Membri kkonċernati jiżguraw, b'mezzi xierqa bħalma huma s-separazzjoni tal-attivitajiet jew is-separazzjoni tal-kontijiet, li l-attivitajiet fis-setturi esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ma jibbenefikawx mill-għajnuna de minimis mogħtija skont dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

   (a) "prodotti agrikoli" tfisser prodotti elenkati fl-Anness I tat-Trattat, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura stipulati fir-Regolament (UE) Nru 1379/2013;

---

[18] Ir-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1).

(b) "l-ipproċessar ta' prodotti agrikoli" tfisser kull operazzjoni fuq prodott agrikolu li tirriżulta fi prodott li huwa wkoll prodott agrikolu, minbarra attivitajiet li jsiru fir-razzett meħtieġa għat-tħejjija ta' prodott minn annimal jew pjanta għall-ewwel bejgħ;

(c) "il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli" tfisser iż-żamma jew il-wiri bl-iskop ta' bejgħ, l-offerta għal bejgħ, il-kunsinna jew kwalunkwe mod ieħor ta' tqegħid fis-suq, minbarra l-ewwel bejgħ minn produttur primarju lil bejjiegħa jew proċessuri u kwalunkwe attività li tħejji prodott għal dan l-ewwel bejgħ; bejgħ minn produttur primarju lill-konsumaturi finali għandu jkun ikkunsidrat bħala kummerċjalizzazzjoni jekk isir f'bini separat irriżervat għal dak il-għan.

2. "Impriża waħda" tinkludi, għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, l-intrapriżi kollha li jkollhom bejniethom mill-inqas waħda mir-relazzjonijiet li ġejjin:

(a) intrapriża waħda li jkollha l-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'intrapriża oħra;

(b) intrapriża waħda li jkollha d-dritt li taħtar jew li tneħħi l-maġġoranza tal-membri tal-korp amministrattiv, ta' ġestjoni jew regolatorju ta' intrapriża oħra;

(c) intrapriża waħda li jkollha d-dritt teżerċita influwenza dominanti fuq intrapriża oħra skont kuntratt li tkun daħlet fih flimkien ma' dik l-intrapriża jew skont dispożizzjoni fil-memorandum jew l-artikoli ta' assoċjazzjoni tagħha;

(d) intrapriża waħda, illi tkun azzjonista fi jew membru ta' intrapriża oħra, tikkontrolla waħedha, skont ftehim ma' azzjonisti oħra fi jew membri ta' dik l-intrapriża, maġġoranza tad-drittijiet tal-voti tal-azzjonisti jew tal-membri f'dik l-intrapriża.

L-intrapriżi li jkollhom waħda mir-relazzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (d) permezz ta' intrapriża waħda jew aktar, għandhom ukoll jitqiesu bħala impriża waħda.

Artikolu 3

Għajnuna de minimis

1. Il-miżuri ta' għajnuna jitqiesu bħala li ma jissodisfawx il-kriterji stipulati fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat u għaldaqstant għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, jekk jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament.

2. L-ammont totali ta' għajnuna de minimis mogħtija għal kull Stat Membru lil impriża waħda ma għandux jaqbeż l-EUR 275 000 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali.

L-għajnuna totali de minimis mogħtija lil kull Stat Membru lil xi impriża waħda li twettaq trasport tal-merkanzija bit-triq b'kiri jew bi ħlas ma għandhiex tkun iktar minn EUR 137 500 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali. Jekk impriża twettaq trasport tal-merkanzija bit-triq b'kiri jew bi ħlas kif ukoll attivitajiet oħrajn li għalihom japplika l-limitu massimu ta' EUR 275 000, il-limitu ta' EUR 275 000 għandu japplika għall-impriża, sakemm l-Istati Membri kkonċernati jiżguraw b'mezzi xierqa, bħas-separazzjoni tal-attivitajiet jew is-separazzjoni tal-kontijiet, li l-benefiċċju għall-attività tat-trasport tal-merkanzija bit-triq ma jkunx iktar minn EUR

137 500 u li l-ebda għajnuna de minimis ma tintuża għall-akkwist ta' vetturi għat-trasport tal-merkanzija bit-triq.

3. L-għajnuna de minimis għandha titqies li tkun ingħatat fil-mument li d-dritt legali biex tingħata l-għajnuna jkun konċess lill-impriża skont is-sistema legali nazzjonali applikabbli irrispettivament mid-data tal-pagament tal-għajnuna de minimis lill-impriża.

4. Il-limiti massimi stabbiliti fil-paragrafu 2 għandhom japplikaw irrispettivament mill-forma tal-għajnuna de minimis jew mill-objettiv segwit u minn jekk l-għajnuna mogħtija mill-Istat Membru tkunx iffinanzjata kompletament jew parzjalment minn riżorsi li joriġinaw mill-Unjoni. Il-perjodu ta' tliet snin fiskali għandu jiġi ddeterminat minn referenza għas-snin fiskali użati mill-impriża fl-Istat Membru kkonċernat.

5. Għall-iskopijiet tal-limiti stipulati fil-paragrafu 2, kull għajnuna għandha tkun espressa bħala għotja ta' flus. Iċ-ċifri kollha użati għandhom ikunu grossi, jiġifieri, qabel kwalunkwe tnaqqis ta' taxxa jew ta' xi tariffi oħra. Fejn għajnuna tingħata f'forma oħra differenti minn għotja, l-ammont ta' għajnuna għandu jkun l-ekwivalenti tal-għotja gross tal-għajnuna.

Għajnuna pagabbli f'għadd ta' pagamenti għandha tiġi skontata għall-valur tagħha fil-mument li tingħata. Ir-rata tal-interessi li tintuża għal skopijiet ta' skont għandha tkun ir-rata ta' referenza applikabbli fil-mument tal-għotja.

6. Fejn il-limitu massimu rilevanti stabbilit fil-paragrafu 2 jinqabeż permezz tal-għotja ta' għajnuna ġdida de minimis, l-ebda waħda mill-għajnuna l-ġdida ma tista' tibbenefika minn dan ir-Regolament.

7. Fil-każ ta' amalgamazzjonijiet jew akkwisti, l-għajnuna kollha de minimis mogħtija lil kull waħda mill-impriżi qabel l-amalgamazzjoni għandha titqies meta jiġi ddeterminat jekk kwalunkwe għajnuna de minimis ġdida lill-impriża l-ġdida jew lill-impriża li takkwistaha taqbiżx il-limitu massimu rilevanti. Għajnuna de minimis li tkun ingħatat legalment qabel il-fużjoni jew l-akkwist għandha tibqa' legali.

8. Jekk impriża waħda tinqasam f'żewġ impriżi separati jew aktar, l-għajnuna de minimis mogħtija qabel il-qsim għandha tkun allokata lill-impriża li bbenefikat minnha, li fil-prinċipju hija l-impriża li tieħu ħsieb l-attivitajiet li għalihom intużat l-għajnuna de minimis. Jekk dik l-allokazzjoni ma tkunx possibbli, l-għajnuna de minimis għandha tiġi allokata proporzjonalment fuq il-bażi tal-valur skont il-valur kontabilistiku tal-kapital ta' ekwità tal-impriżi l-ġodda fid-data effettiva tal-qsim.

Artikolu 4

Kalkolu tal-għotja grossa ekwivalenti

1. Dan ir-Regolament għandu japplika biss għall-għajnuna li għaliha huwa possibbli li tiġi kkalkulata b'mod preċiż l-ekwivalenti tal-għotja gross tal-għajnuna ex ante mingħajr il-ħtieġa ta' valutazzjoni tar-riskju ("għajnuna trasparenti").

2. Għajnuna inkluża f'għotjiet jew sussidji fuq ir-rata tal-interessi għandu titqies bħala għajnuna de minimis trasparenti.

3. L-għajnuna inkluża f'self għandha titqies bħala għajnuna de minimis trasparenti jekk:

(a) il-benefiċjarju ma jkunx suġġett għal proċeduri kollettivi ta' stralċ u lanqas ma jkun jissodisfa l-kriterji biex, skont il-liġi nazzjonali tiegħu, għaliex jinbdew kontrieh proċeduri kollettivi ta' stralċ fuq talba tal-kredituri tiegħu. Għal impriżi kbar, il-benefiċjarju għandu jkun f'sitwazzjoni paragunabbli ma' klassifikazzjoni ta' kreditu ta' mill-inqas B-; jew

(b) is-self ikun assikurat b'garanzija li tkopri mill-inqas 50 % tas-self u s-self ikun ammont ta' EUR 1 375 000 (jew EUR 687 500 fil-każ ta' impriżi li jwettqu trasport tal-merkanzija bit-triq) fuq t-tul ta' żmien ta' ħames snin jew EUR 687 500 (jew EUR 343 750 fil-każ ta' impriżi li jwettqu trasport tal-merkanzija bit-triq) fuq tul ta' żmien ta' għaxar snin; jekk l-ammont tas-self ikun inqas minn dawk l-ammonti u/jew jingħata għal tul ta' żmien inqas minn ħames snin jew għaxar snin rispettivament, l-għotja grossa ekwivalenti ta' dak is-self għandha tiġi kkalkulata bħala proporzjon ekwivalenti għal-limitu massimu stabbilit fl-Artikolu 3(2); jew

(c) l-ekwivalenti tal-għotja gross ikun ġie kkalkulat fuq il-bażi tar-rata ta' referenza applikabbli fil-mument tal-għotja.

4. Għajnuna fil-forma ta' injezzjonijiet ta' kapital għandha titqies li tkun għajnuna de minimis trasparenti biss jekk l-ammont totali ta' injezzjoni mill-fondi pubbliċi ma jaqbiżx il-limitu massimu de minimis.

5. Għajnuna li tikkonsisti f'miżuri ta' finanzjament tar-riskju li tieħu l-forma ta' investimenti f'ishma jew fi quasi-ishma, għandha titqies li tkun għajnuna de minimis trasparenti biss jekk il-kapital ipprovdut għal impriża waħda ma jaqbiżx il-limitu massimu de minimis.

6. L-għajnuna inkluża f'garanziji għandha titqies bħala għajnuna de minimis trasparenti jekk:

(a) il-benefiċjarju ma jkunx suġġett għal proċeduri kollettivi ta' stralċ u lanqas ma jkun jissodisfa l-kriterji biex, skont il-liġi nazzjonali tiegħu, għaliex jinbdew kontrieh proċeduri kollettivi ta' stralċ fuq talba tal-kredituri tiegħu. Għal impriżi kbar, il-benefiċjarju għandu jkun f'sitwazzjoni paragunabbli ma' klassifikazzjoni ta' kreditu ta' mill-inqas B-; jew

(b) il-garanzija ma tkunx iktar minn 80 % tas-self sottostanti u l-ammont iggarantit ikun EUR 2 062 500 (jew EUR 1 031 250 fil-każ ta' impriżi li jwettqu trasport tal-merkanzija bit-triq) u t-tul ta' żmien tal-garanzija jkun ħames snin jew l-ammont iggarantit ikun EUR 1 031 250 (jew EUR 515 625 fil-każ ta' impriżi li jwettqu trasport tal-merkanzija bit-triq) u t-tul ta' żmien tal-garanzija jkun għaxar snin; jekk l-ammont iggarantit ikun inqas minn dawk l-ammonti jew il-garanzija tkun għal tul ta' żmien inqas minn ħames snin jew għaxar snin rispettivament, l-għotja grossa ekwivalenti ta' dik il-garanzija għandha tiġi kkalkulata bħala proporzjon ekwivalenti għal-limitu massimu stabbilit fl-Artikolu 3(2); jew

(c) l-ekwivalenti tal-għotja gross ġiet ikkalkolata abbażi ta' primjums eżentati stabbiliti f'avviż tal-Kummissjoni; jew

(d) qabel l-implimentazzjoni,

(1) il-metodoloġija użata biex jiġi kkalkolat l-ekwivalenti tal-għotja gross tal-garanzija tkun ġiet innotifikata lill-Kummissjoni skont Regolament ieħor tal-Kummissjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat applikabbli f'dak

iż-żmien u aċċettata mill-Kummissjoni bħala konformi mal-Avviż ta' Garanzija, jew kull avviż ulterjuri, u

(2) li dik il-metodoloġija tindirizza b'mod espliċitu t-tip ta' garanziji u t-tip ta' tranżazzjoni sottostanti trattati fil-kuntest tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

7. L-għajnuna inkluża fi strumenti oħra għandha titqies bħala għajnuna de minimis trasparenti sakemm l-istrument jipprovdi għall-iffissar li jassigura li l-limitu rilevanti applikabbli ma jinqabiżx.

Artikolu 5

Akkumulazzjoni

1. Għajnuna de minimis mogħtija skont dan ir-Regolament tista' tiġi akkumulata ma' għajnuna de minimis mogħtija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 360/2012[19] sal-limiti massimi stipulati f'dak ir-Regolament. L-għajnuna de minimis mogħtija skont dan ir-Regolament tista' tiġi akkumulata ma' għajnuna de minimis mogħtija skont regolamenti de minimis oħra sal-limitu massimu rilevanti stabbilit fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament.

2. L-għajnuna de minimis ma għandhiex tiġi kumulata mal-għajnuna mill-Istat fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli jew mal-għajnuna mill-Istat għall-istess miżura ta' finanzjament tar-riskju, jekk akkumulazzjoni bħal dik teċċedi l-ogħla intensità ta' għajnuna rilevanti jew ammont ta' għajnuna ffissat fiċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull każ permezz ta' regolament għal eżenzjoni ġenerali ta' kategorija jew deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni. L-għajnuna de minimis li ma tingħatax għal kostijiet eliġibbli speċifiċi jew li tkun attribwibbli għalihom tista' tiġi kumulata ma' għajnuna oħra mill-Istat mogħtija skont regolament ta' eżenzjoni ta' kategorija jew deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni.

Artikolu 6

Monitoraġġ

1. Meta Stat Membru jkollu l-intenzjoni li jagħti għajnuna de minimis lil impriża skont dan ir-Regolament, huwa għandu jinforma lil dik l-impriża bil-miktub dwar l-ammont prospettiv tal-għajnuna espress bħala ekwivalenti ta' għotja gross u l-karattru de minimis tagħha, b'referenza diretta għal dan ir-Regolament u billi jikkwota t-titolu u r-referenza tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Meta l-għajnuna de minimis tingħata lil impriżi differenti skont dan ir-Regolament abbażi ta' skema u ammonti differenti ta' għajnuna individwali jingħataw lil dawk l-impriżi taħt dik l-iskema, l-Istat Membru kkonċernat jista' jagħżel li jissodisfa dak l-obbligu billi jinforma lill-impriżi b'somma fissa li tikkorrispondi għall-ammont massimu ta' għajnuna li għandu jingħata taħt dik l-iskema. F'każijiet bħal dawn, is-somma fissa għandha tintuża biex jiġi determinat jekk ikunx rispettat il-limitu massimu rilevanti stipulat fl-Artikolu 3(2). Qabel jagħti

[19] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 360/2012 tal-25 ta' April 2012 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna de minimis mogħtija lil impriżi li jipprovdu servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU L 114, 26.4.2012, p. 8).

l-għajnuna, l-Istat Membru għandu wkoll jikseb mingħand l-impriża konċernata dikjarazzjoni, bil-miktub jew f'forma elettronika, dwar kwalunkwe għajnuna de minimis oħra li tkun ingħatatilha skont dan ir-Regolament jew skont regolamenti de minimis oħrajn matul is-sentejn fiskali ta' qabel u fis-sena fiskali kurrenti.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun disponibbli reġistru ċentrali tal-għajnuna de minimis li jkun fih informazzjoni kompluta dwar l-għajnuna kollha de minimis mogħtija minn kwalunkwe awtorità fl-Istat Membru kkonċernat. Ir-reġistru ċentrali tal-għajnuna de minimis għandu jiġi stabbilit fi żmien 6-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Ir-reġistru ċentrali tal-għajnuna de minimis irid jiġi stabbilit b'tali mod li jippermetti aċċess faċli għall-informazzjoni. L-informazzjoni trid tiġi ppubblikata f'format ta' data ta' spreadsheet nonproprjetarju, li jippermetti li d-data tiġi mfittxija, estratta u mniżżla u ppubblikata faċilment fuq l-Internet, pereżempju f'format CSV jew XML. Ir-reġistru ċentrali tal-għajnuna de minimis irid ikun aċċessibbli permezz ta' sit web mingħajr ebda restrizzjoni, bħar-reġistrazzjoni minn qabel tal-utent. Alternattivament, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu informazzjoni kompluta dwar l-għajnuna de minimis kollha mogħtija minn kwalunkwe awtorità fl-Istat Membru kkonċernat f'reġistru fil-livell tal-Unjoni. Il-paragrafu 1 għandu jieqaf japplika mill-mument meta l-informazzjoni tar-reġistru ċentrali tkopri perjodu ta' tliet snin fiskali.

3. Stat Membru għandu jagħti għajnuna de minimis ġdida skont dan ir-Regolament biss wara li jkun ivverifika li dan ma jżidx l-ammont totali tal-għajnuna de minimis mogħtija lill-impriża kkonċernata b'mod li jwassal għal livelli ogħla mil-limitu massimu rilevanti stipulat fl-Artikolu 3(2) u li l-kundizzjonijiet kollha stipulati f'dan ir-Regolament ikunu ġew imħarsa.

4. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw l-informazzjoni li ġejja fir-reġistru ċentrali tal-għajnuna de minimis fil-livell tal-Unjoni jew nazzjonali: l-identifikazzjoni tal-benefiċjarju[20], l-ammont tal-għajnuna, id-data tal-għoti, l-awtorità li tagħti l-għajnuna, l-istrument tal-għajnuna, u s-settur involut abbażi tal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea ("il-klassifikazzjoni NACE")[21].

5. L-Istati Membri għandhom iżommu rekord tal-informazzjoni kollha, u għandhom jiġbru l-informazzjoni kollha dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dawk id-dokumenti għandhom jinkludu l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jintwera li l-kundizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ikunu ġew rispettati. Ir-rekords dwar għajnuna de minimis individwali għandhom jinżammu għal perjodu ta' 10 snin mid-data li fiha tkun ingħatat l-għajnuna. Ir-rekords dwar skema ta' għajnuna de minimis għandhom jinżammu għal perjodu ta' 10 snin mid-data li fiha tkun ingħatat l-aħħar għajnuna individwali bit-tali iskema.

6. Fuq talba bil-miktub mill-Kummissjoni, l-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi lill-Kummissjoni, f'perjodu ta' 20 jum ta' xogħol jew f'perjodu itwal stabbilit fit-talba, l-informazzjoni kollha li l-Kummissjoni tqis li hi meħtieġa biex tanalizza jekk

[20] L-identifikazzjoni tal-benefiċjarju għandha tinkludi l-isem tal-benefiċjarju u l-identifikatur tal-benefiċjarju (in-numru ta' identifikazzjoni u t-tip ta' identifikazzjoni).

[21] Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (Test b'relevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

il-kundizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ikunux ġew imħarsa, u b'mod partikolari l-ammont totali tal-għajnuna de minimis skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament jew skont regolamenti de minimis oħrajn li tkun irċeviet xi impriża.

Artikolu 7

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għal għajnuna li tkun ingħatat qabel id-dħul fis-seħħ jekk l-għajnuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stipulati f'dan ir-Regolament. Kwalunkwe għajnuna li ma tissodisfax dawk il-kundizzjonijiet tiġi evalwata mill-Kummissjoni skont l-oqfsa, il-linji gwida, il-komunikazzjonijiet u l-avviżi rilevanti.
2. Kull għajnuna de minimis mogħtija bejn l-1 ta' Jannar 2014 u l-31 ta' Diċembru 2023 u li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1407/2013, titqies li ma tissodisfax il-kriterji kollha tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat u għandha għalhekk tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika kif stipulat fl-Artikolu 108(3) tat-Trattat.
3. Fi tmiem il-perjodu ta' validità ta' dan ir-Regolament, għandu jkompli japplika għal kwalunkwe skema ta' għajnuna de minimis li tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għal perjodu ulterjuri ta' 6-il xahar.

Artikolu 8

Dħul fis-seħħ u perjodu ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2024.

Għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2030.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni
Il-President